MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 662/1991/1

**Salvatore Falzon**

**v.**

**Anna Hazzouri u Ismail Hazzouri ghan-nom ta' u in rappreżentanza tas-socjeta` I.S.M. Agricultural Limited**

**Il-Qorti:**

## I PRELIMINARI

1. Dan huwa appell maghmul minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Marzu 2000, li biha inter alia, is-socjeta` I.S.M. Agricultural Limited ("is-socjeta` konvenuta" u issa "s-socjeta` appellanti") giet

ikkundannata li thallas lil Salvatore Falzon ("l-attur" u issa "l-appellat") is-somma ta' hamest elf u tlett mitt lira Maltija (Lm5,300) – bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax li ghandu jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

2. Bic-citazzjoni tieghu pprezentata fil-11 ta' Gunju 1991, l-attur ippremetta hekk:
"Peress illi in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Nicola Said tal-10 ta' Gunju 1988 (Dok. A) l-attur biegh lis-socjeta` konvenuta:

(a) ghalqa fil-limiti ta' Haz-Zebbug, kontrada "Ta' Bording" ta' kejl superficjali ta' cirka 4327.95.7m;

(b) motor van tal-marka Ford Transit numru A-3482; u

(c) elf u hames mitt tigiega u tlett gageg, u dan bil-prezz komplessiv ta' sebat elef lira (Lm7,000).

Peress illi fuq l-imsemmi att l-attur iddelega lis-socjeta` konvenuta, li accettat sabiex thallas l-imsemmija somma ta' Lm7,000 lil Mid-Med Bank Limited u dan stante li l-attur kellu debitu f'dan l-ammont ma' l-imsemmi bank fuq "Overdraft Facitility" u fuq "Loan Account".

Peress illi s-socjeta` konvenuta naqset li thallas is-somma ta' Lm7,000 lil Mid-Med Bank Limited u konsegwenement il-Mid Bank Bank Limited beda jesigi ma' l-attur li jhallas id-debitu tieghu fuq l-Overdraft Facility u l-Loan Account imsemmija.

Peress illi b'rizultat ta' dan u sabiex ma jhallix lill-Bank jipprocedi gudizzjarjament kontra tieghu l-attur hallas lil Mid-Med Bank is-somma ta' hames mitt lira (Lm500) akkont ta' l-ammont a debitu.

Peress illi sussegwentement u in vista ta' dan il-pagament akkont is-socjeta` konvenuta hallset lill-attur is-somma ta' Lm500 fil-31 ta' Ottubru 1998, fejn giet rilaxxjata l-annessa ricevuta markata (Dok. B) awtentikata mill-Prokuratur Legali Lucy Bonello.

Peress illi s-socjeta` konvenuta nonostante diversi interpellazzjonijiet da parti ta’ l-attur naqset li thallas il-bilanc ta’ sitt elef u hames mitt lira (Lm6,500) lil Mid-Med Bank Limited ai termini ta’ l-obbligazzjoni minnha ssunta fuq il-kuntratt tal-10 ta’ Gunju, 1988.

Peress illi in forza ta’ resoluzzjoni tat-13 ta’ Settembru 1989, is-socjeta` konvenuta kkonfermat l-obbligazzjoni msemmija u ddikjarat illi ser toffri bhala garanzija tal-hlas lil Mid-Med Bank Limited il-proprjeta` mobbli u mmobbli ta’ l-istess socjeta` konvenuta (Dok. C) kif ukoll tassumi direttament mal-Mid-Med Bank Ltd. il-hlas tad-debitu dovut mill-attur ma’ l-imsemmi Bank u dan limitatament ghas-somma ta’ sebat elef lira (Lm7,000).

Peress illi s-socjeta` konvenuta nonostante diversi promessi naqset li tonora u taffettwa l-hlas u ghalhekk il-Mid-Med Bank Limited ipproceda gudizzjarjament kontra l-attur li b’sentenza ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Jannar 1991, gie kanonizzat kreditur ta’ l-attur fis-somma ta’ sitt elef mija u hamsa u hamsin lira tnejn u disghin centezmu u hames millezmi (Lm6,155.92,5) bl-imghax legali mit-22 ta’ Marzu 1989, oltre l-ispejjez li ammontaw ghal erba’ mija u sittax-il lira u tlettax-il centezmu (Lm416.13).

Peress illi s-socjeta` konvenuta nonostante li giet interpellata ufficjalment biex thallas il-bilanc tal-prezz baqghet inadempjenti peress illi qed tallega li l-ircevuta rilaxxata fil-31 ta’ Ottubru 1988, tista’ tigi interpretata bhala ricevuta tal-hlas ghas-saldu tal-prezz kollu dovut ta’ LM7,000.”

Maghmulha dawn il-premessi l-attur talab lill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili li:
“1. Tiddikjara illi s-somma ta’ Lm500 imhallsa mis-socjeta` konvenuta lill-attur fil-31 ta’ Ottubru 1988, thallset akkont u mhux ghas-saldu tal-prezz ta’ Lm7,000.

2. Tirrexxindi dik il-parti tal-kuntratt tal-10 ta’ Gunju 1988, fejn l-attur iddelega lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas il-prezz tal-mobbli u l-immobbli migbjugh fuq l-istess

kuntratt li Mid-Med Bank Limited u dan ghar-ragunijiet fuq premessi.

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sitt elef u hames mitt lira (Lm6,500) rapprezentanti bilanc ta' l-immobbli mibjugh in forza tal-kuntratt tal-10 ta' Gunju 1988, in atti Nutar Dottor Nicola Said.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju 1991, u l-imghax legali mill-10 ta' Gunju 1988, kontra l-konvenuti nomine ingunta ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-attur kontra s-socjeta` konvenuta."

3. Is-socjeta` konvenuta kkontestat il-kawza bis-segwenti nota ta' eccezzjonijiet:
"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur.

2. Illi hemm lok ghal korrezzjoni fic-citazzjoni ta' l-attur fejn tintalab kundanna kontra l-konvenuta nomine mentri fil-fatt hemm pluralita` ta' persuni in rapprezentanza tas-socjeta` konveuta.

3. Illi s-socjeta` konvenuta hallset kull somma lilha pagabbli lill-attur.

4. M'hemmx lok, skond il-ligi ghal rexxissjoni mitluba mill-attur.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra."

4. B'digriet moghti mill-ewwel Onorabbli Qorti fit-3 ta' Frar 1992, dik il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Philip Manduca bhala Perit Legali biex, bl-assistenza tal-Perit Komputista John Bonnici, jigbor il-provi u jirrelata dwar ic-cirkostanzi tal-kaz. Dawn il-periti halfu r-relazzjoni taghhom fis-seduta tal-20 ta' Marzu 1997, u r-rapport taghom jinsab a fol. 64 *et seq.* tal-process.

5. Fl-24 ta’ Marzu 2000, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet ta’ l-attur in parte u ddikjarat li s-somma ta’ hames mitt lira mhallas mis-socjeta` konvenuta lill-attur fil-31 ta’ Ottubru 1988, thallset akkont u mhux ghas-saldu tal-prezz ta’ sebat elef lira, fit-tieni lok irrixxendiet dik il-parti tal-kuntratt tal-10 ta’ Gunju 1988 fejn l-attur iddelega lis-socjeta` konvenuta sabiex din thallas lil Mid-Med Bank Limited il-prezz tal-mobbli u l-immobbli mibjugh fuq l-istess kuntratt, u fit-tielet lok ikkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ hamest elef u tlett mitt lira (Lm5,300) u mhux is-somma ta’ sitt elef u hames mitt lira (Lm6,500) bhal ma talab l-attur. Inoltre dik il-Qorti ordnat lis-socjeta` konvenuta li thallas l-ispejjez tal-kawza u ordnat ukoll li fir-rigward tat-tielet talba l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u mhux mid-data mitluba. Kopja shiha tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti, liema sentenza tikkontjeni r-ragunijiet kollha li a bazi taghhom l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet fuq imsemmija, qeghda tigi annessa bhala appendici ma’ l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**II L-APPELL U APPELL INCIDENTALI**

6. Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata minn din is-sentenza u ghaldaqstant appellat minnha permezz ta’ rikors ta’ l-appell prezentat fit-13 ta’ April, 2000. Bih talbet li din il-Qorti joghgobha tannulla, tikkancella u tirrevoka s-sentenza appellata tal-24 ta’ Marzu 2000, u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti u tichad it-talbiet ta’ l-attur maghmulha fic-citazzjoni tieghu – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

7. L-attur ikkontesta l-appell b’risposta pprezentata minnu fit-3 ta’ Mejju, 2000. Wara li wiegeb ghall-argumentazzjoni mressqa fir-rikors ta’ l-appell, l-attur iddikjara li hassu aggravat bis-sentenza appellata minhabba l-fatt l-ewwel Qorti rriduciet is-somma dovuta b’elf lira ghaliex irritjeniet illi kien hemm lok ghal tpacija, u ghalhekk huwa ressaq appell incidentali li bih allega li din it-tpacija ma setghetx tavvera ruhha. Ghalhekk huwa talab li din il-Qorti, li filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta`

konvenuta u laqghet l-ewwel u t-tieni talba ta' l-attur, talab ukoll li din il-Qorti tilqa' l-appell incidentali tieghu u b'hekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lill-attur is-somma ta' sitt elef u tlett mitt lira (Lm6,300) – bl-imghax kif mitlub.

## III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

8. Il-kwistjoni principali involuta fil-kawza tikkoncerna l-kwezit dwar jekk is-socjeta` konvenuta effetwatx il-hlas tas-sebat elef lira (Lm7,000) li hija kienet obbligata li thallas fit-termini tal-kuntratt tal-11 ta' Gunju 1988, u li jinsab esebit bhala dokument A a fol. 7 *et seq.* tal-porcess. L-attur qieghed jippretendi li s-socjeta` konvenuta hallset biss akkont u baqaghlha thallsu s-somma ta' sitt elef u hames mitt lira (Lm6,500). Min-naha l-ohra, is-socjeta` konvenuta qeghda tallega li hija hallset dak kollu li kellha thallas lill-attur u qeghda tistrieh fuq l-ircevuta li hija esebita bhala dokument B a fol. 10 tal-process. Din l-ircevuta giet redatta f'dawn it-termini:
"Jien hawn taht iffirmat Salvu Falzon niddikjara illi rcevejt l-ammont ta' Lm500 (hames mitt lira) li jiena kont iddepozitajt personalment ghall-kumpanija I.S.M. Agricultural Limited, u niddikjara illi sallum m'ghadx ghandi niehu izjed flus mill-istess kumpanija anke kwantu ghal xoghol li ghamilt sallum."

9. L-ewwel Qorti nnominat lill-Perit Legali u l-Perit Komputista fuq imsemmija, u dawn wara li gabru u ezaminaw 'il hafna provi li huma akkwiziti fil-process, ikkonkludew li l-ewwel talba ta' l-attur kienet gustifikata ghaliex huma kienu sodisfatti li s-somma ta' hames mitt lira li giet imhallsa mis-socjeta` konvenuta lill-attur fil-31 ta' Ottubru 1998, kienet hallset akkont, u mhux ghas-saldu tad-debitu ta' sebat elef lira (Lm7,000) in kwistjoni.

10. Il-periti fuq imsemmija mbaghad ghaddew biex, fid-dawl tal-provi migbura jistabilixxu l-ammont preciz li kien dovut mis-socjeta` konvenuta lill-attur. Huma naqsu l-hames mitt lira (Lm500) li thallset akkont kif jirrizulta mir-ricevuta dokument B a fol. 10 tal-process. Il-periti naqqsu wkoll is-somma ta' mitejn lira (Lm200) li l-attur kien

accetta li thallset mis-socjeta` konvenuta lill-Mid-Med Bank skond id-delega li kienet saret bil-kuntratt tal-10 Gunju, 1988.

11. Kwistjoni sussidjarja li nqalghet fil-kawza u li tifforma l-meritu ta' l-appell incidentali intavolat mill-attur, tikkoncerna l-kwistjoni jekk mal-bilanc li kien dovut mis-socjeta` konvenuta lill-attur, kellhiex issir it-tpacija tas-somma ta' elf lira (Lm1,000) li s-socjeta` konvenuta kienet qed tallega li kellu jhallasha l-attur bhala debitu dovut minnu fuq is-sehem tieghu fis-socjeta` konvenuta u dana ai termini ta' l-iskrittura tal-10 ta' Gunju 1988, li kopja taghha tinsab f'pagna 271 *et seq.* tal-process. L-attur ikkontesta din il-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta, pero`, l-periti kkonkludew li l-ammont ta' elf lira (Lm1,000) kien tassew dovut mill-attur lis-socjeta` konvenuta u li dan kien johrog car anke mix-xiehda ta' Dr. Mark Said kif ukoll mix-xiehda tal-Prokuratur Legali Lucy Bonello. Ghalhekk, il-periti kkonkludew li mis-somma ta' sebat elef lira (Lm7,000) is-socjeta` konvenuta kien ghad baqaghlha thallas biss il-bilanc ta' hamest elef u tlett mitt lira (Lm5,300).

12. L-ewwel Qorti abbraccjat l-argumentazzjoni kollha li ressqu l-periti fir-relazzjoni taghhom u ghalhekk ikkonvalidat l-imsemmija konkluzjonijiet taghhom.

13. Jidher car li l-appell principali tas-socjeta` appellanti qieghed bazikament jattakka l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti meta hija waslet ghall-konkluzjoni li l-ircevuta tal-31 ta' Ottubru 1988, kienet biss ricevuta ta' hlas ta' akkont u mhux ta' hlas ghas-saldu. Is-socjeta` appellanti ssostni li l-ircevuta in kwistjoni kienet cara bizzejjed u ghalhekk ma kien hemm lok ghall-ebda interpretazzjoni da parti ta' l-ewwel Qorti. Fi kliem iehor, is-socjeta` appellanti qeghda ssostni li l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi u qeghda tippretendi li l-ewwel Qorti kellha temmen dak kollu li xehdu x-xiehda mressqa minnha u li kellha tiskarta x-xiehda u l-provi l-ohra li ressaq l-attur.

14. Is-sentenza appellata fiha motivazzjoni cara ghaliex l-ewwel Qorti emmnet il-verzjoni ta' l-attur u ma emmnitx il-verzjoni moghtija mis-socjeta` appellanti. Inter alia l-ewwel Qorti qalet hekk:
"L-interpretazzjoni moghtija mill-Periti Legali ta' l-ircevuta in kwistjoni hija korretta. L-attur kien qed jircievi l-hames mitt lira Maltin (Lm500) ghas-saldu u in rifuzjoni tal-hames mitt lira Maltin (Lm500) li huwa kien kostrett ihallas lill-Bank ghaliex il-konvenuti naqsu milli jeffetwaw pagamenti kif obbligaw ruhhom li jaghmlu fil-kuntratt tal-10 ta' Gunju, 1988. Din l-interpretazzjoni moghtija lill-ircevuta tal-31 ta' Ottubru 1988, iktar u iktar takkwista sahha fid-dawl tal-fatt li din l-ircevuta nharget erba' xhur biss wara li gie ppubblikat il-kuntratt tal-10 ta' Gunju, 1988. Inoltre l-konvenuti et noe ma ressqu ebda prova li huma effettivament hallsu lura lil Mid-Med Bank Limited is-somma ta' sebat elef liri Maltin (Lm7,000) kif effettivament obbligaw ruhhom li jaghmlu u r-risoluzzjoni tas-socjeta` konvenuta tat-22 ta' Settembru 1989, hija konferma ulterjuri ta' dan.

Il-Qorti tixtieq tenfasizza li l-ispjegazzjoni tal-konvenuti et noe ghall-kontenut tar-risoluzzjoni tat-22 ta' Settembru 1989, hija pjuttost fjakka u konsegwentement mhux accettabbli minn din il-Qorti u inoltre ma giet pruvata jew korroborata bl-ebda mod."

15. L-argumentazzjoni kollha kontenuta fir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` appellanti hija l-argumentazzjoni, tista' tghid kelma b'kelma, li s-socjeta` konvenuta ressqet bhala kritika ghar-rapport peritali. Din in-nota ta' l-osservazzjonijiet tas-socjeta` konventua tinsab a fol. *345 et seq.* tal-process u ghalhekk l-istess argumentazzjoni kontenuta fir-rikors ta' l-appell kienet quddiem l-ewwel Qorti meta hija tat is-sentenza li minnha s-socjeta` konvenuta issa qeghda tappella. Hekk kif il-kritika u l-osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li ghamlet fil-konfront tar-relazzjoni peritali ma kkonducewx lill-ewwel Qorti biex tiskarta l-konkluzjonijiet raggunti mill-istess periti, hekk ukoll l-argumentazzjoni tista' tghid identika li

ressqet is-socjeta` appellanti bhala bazi tar-rikors ta' l-appell taghha, similment ma jwasslux lil din il-Qorti biex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata. Huwa risaput li din il-Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment tali apprezzament tal-provi li taghmel l-ewwel Qorti u li taghmel hekk biss ghal ragunijiet verament gravi. Certament fil-kaz odjern ma hemm l-ebda raguni, wisq anqas gravi li tista' tinduci lil din il-Qorti li tasal ghall-konkluzjoni differenti minn dik li waslet l-ewwel Qorti dwar l-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lill-ircevuta tal-31 ta' Ottubru 1988, esebita bhala Dokument B a fol. 10 tal-process. Ghalhekk ma hemmx lok li l-appell princpali tas-socjeta` appellanti li jigi milqugh.

16. Jibqa' l-appell incidentali ta' l-attur, li bih qieghed jikkontesta t-tnaqqis li ghamlet l-ewwel Qorti tas-somma ta' elf lira (Lm1,000) mis-somma reklamata minnu fl-att tac-citazzjoni. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li kellha ssir tpacija ta' din is-somma ta' elf lira (Lm1,000) a bazi ta' l-iskrittura datata 10 ta' Gunju 1988, li tinsab a fol. 271 et seq. tal-process. Anke f'dan il-kuntest, l-attur appellat ressaq, bhala motivi ta' l-appell incidentali tieghu, l-istess argumentazzjoni li huwa kien ressaq quddiem l-ewwel Qorti sabiex jinduci lil dik il-Qorti li ma kkonfermax it-tpacija li kienu rrakkomandaw il-periti li ssir, biex b'hekk huma kkonkludew li mill-kreditu ta' l-attur kellhom jitnaqqsu l-elf lira (Lm1,000) in kwistjoni. L-attur espona l-argumenti tieghu ghaliex fil-fehma tieghu ma kienx hemm lok li ssir it-tpacija suggerita mill-periti fin-nota ta' osservazzjonijiet li huwa pprezenta quddiem l-ewwel Qorti u li tinsab ezettament a fol. 354 *et seq.* tal-process.

17. L-osservazzjonijiet li ghamel l-attur, u li issa qed jerga' jirroproponihom b'forma ta' appell ghall-attenzjoni ta' din il-Qorti, kienu sewwa evalwati mill-ewwel Qorti. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni korretta meta stqarret hekk:
"Fil-kunteggi maghmula mill-Periti Legali li gew imnaqqsa minnhom bhala tpacija tal-elf lira Maltin (Lm1,000) li l-attur impenja ruhu li jhallas a bazi ta' l-iskrittura pruvata tal-10 ta' Gunju, 1988. L-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu

jsostni li dan l-ammont ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) kien “shareholders loan” u ghalhekk mhux dejn cert, likwidu u dovut.

Il-Qorti ezaminat l-iskrittura in kwistjoni partikolarment il-klawzoli 2 u 3 (b) ta’ l-istess skrittura. Dawn il-klawzoli mehudin max-xiehda li giet moghtija quddiem il-Perit Legali ta’ l-Avukat Dr. Mark Said u tal-Prokuratur Legali Lucy Bonello (ara pagni 31 u 32 tar-rapport peritali a fol. 94 u 95 tal-process) jikkonvincu lill-Qorti li din is-somma kienet verament debitu ta’ l-attur favur is-socjeta` konvenuta u li ma kenitx intiza bhala *shareholders loan*. Bhala tali, fil-fehma tal-Qorti, din is-somma ma tinkwadrax ruhha fl-istituti tad-Depozitu jew tal-Kommodat. Ma japplikax ghalhekk is-sub-inciz (b) ta’ l-Artikolu 1199 tal-Kodici Civili kkwotat mill-attur fis-sottomissjoni tieghu u ghalhekk is-socjeta` konvenuta kienet gustifikata tpaci dan l-ammont, in parti, mad-dejn minnha dovut favur l-attur a bazi tal-principji ta’ l-Artikoli 1196, 1197 u 1198 ta’ l-istess Kodici Civili.”

18. Ladarba din il-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni li l-motivi esposti fl-appell principali kif ukoll fl-appell incidentali ma jistghux jintlaqghu ghaliex is-sentenza appellata waslet ghall-konkluzjonijiet korretti u gusti dwar il-meritu tal-kawza, isegwi li kemm l-appell principali u kemm ukoll l-appell incidentali ma hemmx lok li jintlaqghu.

19. Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad l-appell principali intavolat mis-socjeta` konvenuta, u filwaqt li tichad l-appell incidentali mressaq mill-attur appellat, tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata. L-ispejjez tal-prim istanza jibqghu kif gew decizi mill-ewwel Qorti waqt li l-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu hekk: dawk konnessi ma’ l-appell principali jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta appellanti waqt li dawk l-ispejjez konnessi ma’ l-appell incidentali jithallsu kollha kemm huma mill-attur appellat.

Deputat Registratur
Mgc

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ Marzu 2000, qed tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------